

Brussell, 7 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12726/23

FIN 900
INST 322
PE-L 28

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	12407/23
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 10/2023 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2023 – <i>Approvazzjoni</i> – <i>Approvazzjoni ta' ittra</i>

1. Fit-23 ta' Awwissu 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 10/2023 b'rabta mal-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea¹, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju².
2. L-għan ta' din il-proposta huwa li jitmexxa ammont ta' EUR 446.84 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mill-Artikolu 30 04 01 (*Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (SEAR)*) għall-Partita 16 02 01 01 (*Assistenza lill-Istati Membri b'rabta mal-każijiet eliġibbli taħt il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE)*).

¹ Dok. 12406/23.

² Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina din il-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tas-7 ta' Settembru 2023.
4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet propost, kif imniżżel fid-dokument 12407/23, u
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX għal dak l-għan.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : Il-President tal-Kunsill
lil : Il-President tal-Parlament Ewropew
kopja : Il-President tal-Kummissjoni

Għażiż/a President,

F'konformità mal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018³, ninfirmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 10/2023 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2023.

(Formola ta' għeluq).

³ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).